**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 613/2023 DC**

***Francesco Aufieri***

***vs***

***Shawn Ridley, u***
***Brenda Lee Ridley Rapinett***

**Illum, 11 ta' April 2024**

**Il-Qorti**

Rat **ir-rikors ġuramentat** ta' l-attur ippreżentat fis-16 ta' Ġunju, 2023 permezz ta' liema ppremetta:-

*Illi r-rikorrenti kien sid il-karozza Toyota Corolla Estate bin-numru ta' reġistrazzjoni (ELY 414), liema karozza għandha taxi y-plate, fejn preċdentement kien għamel xi żmien jaħdem bħal xufier tat-taxi u sussegwentement huwa kera din il-vettur bil-liċenzja lill-istess intimat Shawn Ridley;*

*Illi r-rikorrenti ddeċieda li jbiegħ, il-karozza tiegħu bil-liċenzja, u l-intimati daħlu f'negozjati sabiex huma stess jixtru kemm il-karozza u l-liċenzja, essenzjalment in-negozju tar-rikorrenti;*

*Illi l-intimati ma kinux se jibbenifikaw mill-karozza u l-liċenzja biss, iżda r-rikorrenti kien qiegħed ibiegħ in-negozju tiegħu, liema negozju kien jinkludi l-klijenti kollha li kellu, liema klijenti kienu jużaw lilu biss, il-liċenzji rikjesti u l-liċenzja tas-sewqan li kienet diġa mħallsa sena minn*

*quddiem, kif ukoll ir-reġistrazzjoni rikjesta għall-klijenti ta' Bolt, Uber u Ecabs u polza ta' assigurazzjoni;*

*Illi fit-3 ta' Jannar 2023, il-Partijiet daħlu f' kuntratt ta' xiri u bejgħ fejn ftehmu li l-karozza msemmija Toyota Corolla Estate bin-numru ta' reġistrazzjoni (ELY 414) u l-liċenzja tinxtara mill-Intimati, għall-ammont ta' ħamsa u ħamsin elf ewro (€ 55,000.00), hekk kif jirrizulta mill-kuntratt iffirmat bejniethom, anness u mmarkat Dok FA 1;*

*Illi l-Partijiet ftehmu li dan l-ammont kien se jitħallas fuq sittin pagament, wieħed kull xahar, pagamenti fl-ammont ta' elf ewro (€1000.00) għall-ewwel għaxar (10) xhur u pagamenti fl-ammont ta' disa mitt ewro (€ 900.00) għax-xhur kollha rimanenti;*

*Illi meta ġie ffirmat dan il-ftehim, il-Partijiet ffirmaw il-logbook tal-karozza kkonċernata sabiex issir it-trasferiment tal-liċenzja liema logbook ġie mgħoddi lill-intimati biss l-Intimati għadu ma ġabrux il-karozza;*

*Illi mill-1 ta' Marzu 2023 id-data tal-ewwel pagament mensili dovut, l-Intimati qatt ma ħallsu l-ebda pagament;*

*Illi l-intimati baqgħu inadempjenti anke wara li ntbagħet ittra legali mill-avukat sottoskritt, ittra annessa u mmarkata Dok FA 2;*

*Illi l-karozza Toyota Corolla Estate bin-numru ta' reġistrazzjoni (ELY 414) qed tiġi formalment depożitata fir-Reġistru tal-Qorti Ċivili sabiex jirtirawha liberament l-Intimati meta konvenjenti għalihom;*

*Illi l-intimati ma għandhomx difiża valida skont il-liġi.*

U wara li hekk ippremetta l-attur talab lil din il-Qorti:-

*1. Tiddikjara li l-intimati huma debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' ħamsa u ħamsin elf ewro (€ 55, 000.00), bl-imgħax legali mill-1 ta' Marzu 2023 (hekk kif indikat fil-kuntratt anness) sad-data effettiv tal-pagament;*

*2. Tikkundana lill-intimati jħallsu l-ammont tas-somma hekk likwidata fi żmien qasir u perentorju;*

*Bl-ispejjeż tal-proċeduri odjerni, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment ma dawn il-proċeduri, kontra l-istess Intimati.*

Rat id-degriet mgħoti fit-13 ta' Lulju 2023[1] meta fuq nuqqas ta' oġġezzjoni ta'l-attur l-Qorti awtorizżżat lill-konvenuti jippreżentaw risposta ġuramentata.

Rat **ir-risposta ġuramentata** tal-konvenuti ippreżentata fl-24 ta' Lulju 2023[2] permezz ta' liema eċċepixxew:-

*Illi t-talbiet kif promossi mir-rikorrent fil-konfront tal-preżenti intimati għandhom jiġu sommarjament miċħuda kontra tiegħu bl-ispejjeż stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għar-raġunijiet segwenti u għal dawk kollha li jistgħu jirriżultaw fil-mori tal-proċeduri:*

*1. Illi preliminarjament, iżda mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, it-talbiet promossi mir-rikorrent ma jistgħux jintlaqgħu stante li ma ġewx preċeduti bit-talbiet dikjaratorji meħtieġa fosthom talba sabiex l-intimati jiġu dikjarati moruži ai termini tal-kuntratt de quo agitur u talba sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddikajra li l-intimati tilfu l-benefiċċju taż-żmien mogħti lilhom fuq l-istess kuntratt de quo.*

*2. Illi, preliminarjament, iżda mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra l-azzjoni esperita mir-rikorrenti hija intempestiva stante li ma ġietx segwita l-proċedura tal-interpellazzjoni kif maħsuba fil-kuntratt de quo agitur sabiex ir-rikorrenti ikollu l-jedd jipproċedi b' din l-azzjoni, u dan in kwantu r-rikorrent naqas li jibgħat il-komunikazzjoni elettronika lill-intimati permezz ta' liema kellu jgħarrafhom bl-ammont dovut u jgħarrafhom li f' każ ta' morożita għal sebat ijiem ulterjuri huma kienu ser jitilfu l-benefiċċju taż-żmien.*

***3. Illi, preliminarjament, ma hux konsentit għar-rikorrent illi jressaq xhieda in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu u dan billi huwa naqas li jinkludi lista ta' xhieda mar-rikors ġuramentat b' indikazzjoni ta' liema xhieda huwa jixtieq iressaq hekk kif tassattivament meħtieġ mill-Artikolu 156 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.***

*4. Illi fil-mertu r-rikorrent naqas illi jikkonsenja l-vettura allegatament mibjugħa lill-intimati skond it-termini u l-pattijiet miftehma u dan stante li rriżulta sussegwentement għall-iffirmar tal-kuntratt li l-vettura kellha diversi ħsarat oltre minn dawk li kienu ordinarjament raviżżabbli fil-mument tal-bejgħ, b'dan li għalhekk il-vettura ma kienitx tal-kwalita pattwita.*

---

[1] Refere verbal ta' l-udjenza miżmuma dak in-nhar (Fol 15).
[2] A fol 16.

*5. Illi in kwantu l-vettura de quo kienet afflitta minn diversi ħsarat oltre dawk li kienu ordinarjament raviżżabbli fil-mument tal-bejgħ, l-ammont reklamat mir-rikorrent ma hux wieħed ċert, likwidu u dovut stante li minn tali ammont għandhom inter alia jitnaqqsu l-ispejjeż kollha meħtieġa għar-riparazzjoni tal-vettura kif ukoll id-danni sofferti mill-intimati b' konsegwenza tal-aġir tal-istess rikorrent.*

*6. Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, ir-rikorrent naqas milli jikkonsenja lill-intimati dak lilhom imwiegħed, u dan billi minkejja li l-oġġett tal-bejgħ kien vettura m'għammra b' Y-plate u bin-negozju anċillari tagħha avvjat, ebda soċjeta' assikuratriċi ma kienet lesta li toħroġ polza tal-assikurazzjoni fuq l-imsemmija vettura bil-konsegwenza li l-intimati kienu fl-impossibilita li jottjenu t-trasferiment tar-reġistrazzjoni tal-vettura għal fuq isimhom hekk kif meħtieġ tassattivament bil-liġi sabiex ikunu jistgħu jidħlu fil-pussess effettiv tal-oġġett lilhom mibjugħ.*

*7. Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, ir-rikorrent ottjena l-kunsens tal-intimati fuq il-kuntratt de quo b' qerq, u dan stante li kien ben konsapevoli tal-fatt li ebda soċjeta' assikuratriċi ma kienet lesta li toħroġ polza fuq il-vettura de quo tenut kont il-ħsarat estensivi li kellha u kien għalhekk illi induċa lill-intimati jakkwistaw l-istess bil-għan li jeħles mill-vettura u jarrikixxi ruħu a skapitu tal-intimati.*

*8. Illi mingħajr preġudizzju għal dak s'issa eċċepit, ir-rikorrent jeħtieġ f' kull każ li jipprova, in virtu tal-Artikoli 558, 559 u 562 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u l-Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dak minnu pretiż.*

*9. Illi l-intimati jiddikjaraw li jafu b' dawn il-fatti personalment.*

*10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-verbal ta' l-udjenza miżmuma fis-6 ta' Novembru 2023[3] meta ġie deċiż li l-ewwel għandha tiġi deċiża t-tielet eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar din l-eċċezzjoni.

Rat l-atti proċesswali;

[3] A fol 24.

Ikunsidrat

Illi permezz ta'l-eċċezzjoni in eżami l-konvenuti jikkontendu li m'għandux ikun permess lill-attur li jressaq xhieda in sostenn tat-talbiet tiegħu u dan peress li l-attur naqas li jinkludi mar-rikors ġuramentat lista ta' xhieda kif meħtieġ ai termini ta'l-artikolu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi huwa minnu li skond dan l-imsemmi artikolu, fis-subartikolu (4) tiegħu, *l-attur għandu wkoll jagħti mad-dikjarazzjoni l-ismijiet tax-xhieda li jkun bi ħsiebu jġib, filwaqt li jiddikjara dwar kull wieħed minnhom x'fatti u xi prova bi ħsiebu jagħmel bix-xiehda tagħhom.*

Illi pero jidher li l-konvenuti insew li l-proċeduri odjerni inbdew skond l-artikolu 167(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u li għalhekk huwa l-artikolu 167, aktar mill-artikolu 156, li jirregola x'formalitajiet huma rikjesti f'rikors ġuramentat f'każ ta' proċidment sommarju speċjali.

Illi fil-fatt l-artikolu 167 jispeċifika liema huma id-dispożizzjonijiet ta'l-artikolu 156 li għandhom jgħoddu meta persuna tirrikorri għal proċediment sommarju speċjali; is-subartikolu (3) (ta'l-artikolu 167) jipprovdi li:

> *Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 156(1)(a), (b), u (ċ), (2) u(3) u tal-artikolu 159 jgħoddu għal dan ir-rikors ġuramentat.*

Illi la darba l-liġi tindika liema, mir-rekwiżiti elenkati f'l-artikolu 156, għandhom jgħoddu ukoll għal rikors ġuramentat preżentat ai fini ta' proċediment sommarju speċjali skond l-artikolu 167, għandu jkun ċar li r-rekwiżiti l-oħra elenkati f'l-artikolu 159 ma jghoddux għal dawn il-proċedimenti sommarji speċjali. Konsegwentement la darba is-subartikolu (4) tal-artikolu 156 mhux inkluż ma' dawk id-dispożizzjonijiet li jgħoddu ukoll għal rikors ġuramentat skond l-artikolu 167, allura l-attur ma kienx obbligat li jagħmel lista ta' xhieda flimkien mad-dikjarazzjoni tiegħu.

Illi jsegwi li l-fatt li l-Qorti tagħti lil konvenut l-fakolta li jopponi l-azzjoni u jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu, b'mod li l-kawża tinstema' u tiġi

deċiża, fuq l-istess atti, fil-kors ordinarju tagħha, ma jfissirx li l-attur, fin-nuqqas ta' lista ta' xhieda, m'għandux ikollu l-fakolta li jressaq xhieda in sostenn tat-talbiet tiegħu. Huwa kontro-sens li wara li l-konvenut jingħata dritt li jikkontesta l-kawża billi jressaq il-provi, inkluz xhieda, l-attur, għaliex mexa skond dak li jiddisponi l-artikolu 167, jiġi mċaħħad mid-dritt li jressaq il-provi kollha in sostenn tat-talbiet tiegħu. Is-soluzzjoni għal sitwazzjonijiet simili hija li, wara li l-konvenut jingħata dritt jikkontesta l-kawza, l-attur jingħata l-opportunita jippreżenta lista ta' xhieda u mhux li jiġi mxekkel milli jsostni l-pretensjonijiet tiegħu permezz tal-provi kollha opportuni, xhieda inklużi.

Illi l-Qorti għalhekk tqis li din l-eċċezzjoni tal-konvenuti hija fiergħa u bla ebda bażi legali u għandha tiġi miċħuda.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeciedi billi **tiċħad it-tielet eċċezzjoni** tal-konvenuti b'l-ispejjeż ta' din l-istanza kontra tagħhom.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**